MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1268/2007

**Mary Zammit u b'digriet moghti fl-1 ta' Novembru 2011 il-qorti awtorizzat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Alfred, Moira Scicluna, Carmen Cooper u Jennifer Azzopardi ahwa Zammit wara li fit-28 ta' Awissu 2009 mietet l-attrici**

**Vs**

**Paul Camilleri f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Micallef & Zammit Limited u Dr Peter Caruana Galizia**

F'din il-kawza l-attrici qegha tattakka l-validita ta' skrittura ta' lokazzjoni li tallega li saret bejn il-konvenuti dwar il-fond 31, Triq il-Fran, Valletta. L-attrici ppremettiet li l-fond kien mikri lilha u ghalhekk ma setax jerga jinghata b'kera lill-kumpannija Micallef & Zammit Limited.
Fit-twegiba guramentata li pprezentaw fis-17 ta' Mejju 2011, il-konvenuti Camilleri u l-kumpannija eccepew li l-

qorti ghandha taghti ordni ta' dezerzjoni in vista tad-digriet li kien inghata mill-qorti fis-7 ta' Lulju 2009 u peress li l-proceduri bil-miktub kienu ma nghalqux fi zmien ta' sitt xhur. Is-sentenza qeghda tinghata b'riferenza ghal din l-eccezzjoni.

Il-qorti rat in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi u l-konvenuti Camilleri u l-kumpannija konvenuta.

Fil-meritu l-konvenuti kollha qeghdin jikkontestaw li hemm xi kirja favur Mary Zammit, jew xi skrittura ta' lokazzjoni favur Paul Camilleri jew Micallef and Zammit Limited.

Mill-atti jirrizulta li:-

(i) Fis-7 ta' Dicembru 2007 inghata digriet fejn fost'affarijiet ohra l-qorti ordnat in-notifika tar-rikors guramentat lill-konvenuti.

(ii) Fit-28 ta' Dicembru 2007 l-attrici pprezentat nota b'riferenza ghad-digriet tas-7 ta' Dicembru 2007. Ifisser ghalhekk li kienet taf bih.

(iii) Fis-7 ta' Lulju 2009 tat digriet *in camera* fejn stiednet lill-attrici biex tiehu hsieb li l-konvenuti Camilleri u l-kumpannija jigu notifikati sabiex b'hekk jinghalqu l-proceduri bil-miktub tal-kawza. Iddikjarat ukoll *'Dan id-dikriet qieghed isir in camera illum it-Tlieta 7 ta' Lulju 2009 ghal dak li jghid u jrid l-art. 963(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.'*.

(iv) Jirrizulta li l-attrici ma gietx notifikata bid-digriet tas-7 ta' Lulju 2009 (riferta negattiva datata 15 ta' Lulju 2009). Ghalkemm l-atturi jilmentaw li l-process ghamel zmien twil mitluf, m'hemm l-ebda prova ta' dan. Hu minnu li kien sar rikors mill-avukat tal-attrici fejn iddikjara li l-process kien mitluf (30 ta' Novembru 2010), madankollu b'digriet li nghata fl-10 ta' Dicembru 2010 il-qorti kkonfermat li l-process ma kienx mitluf. Ghalhekk dan l-ilment hu minghajr bazi ghal konsiderazzjonijiet li jridu jsiru mill-qorti.

(v) Fit-28 ta' Awissu 2009 mietet l-attrici.

(vi) B'digriet tal-15 ta' Marzu 2010 il-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-13 ta' April 2011.

(vii) Fit-2 ta' Mejju 2011 ir-rikors guramentat gie notifikat lil Paul Camilleri u Micallef & Zammit Ltd li pprezentaw twegiba guramentata u b'hekk inghalqu l-proceduri bil-miktub.

(viii) Fit-30 ta' Novembru 2011 il-werrieta ta' Mary Zammit ipprezentaw rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju. Permezz ta' digriet li nghata fl-1 ta' Novembru 2011 il-qorti laqghet it-talba. B'hekk uliedha, Peter, Alfred, Moira mart Edward Scicluna, Carmen mart John Cooper, u Jennifer mart Darryl Azzopardi, ahwa Zammit dahlu fil-kawza.
L-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 jipprovdi:-
*'Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.'*.

F'kaz li l-ordni tal-qorti ma titwettaqx biex b'hekk il-proceduri bil-miktub fil-kawza jinghalqu, jinghata digriet ta' dezerzjoni (ara Artikolu 963(3A) u (4) tal-Kap. 12).

Fil-kaz li ghandna quddiemna:-

i. Id-digriet tas-7 ta' Lulju 2009 inghata *in camera* u ma jirrizultax li gie notifikat lil Mary Zammit.
ii. Il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-13 ta' April 2011.
iii. Wara l-ewwel seduta, fit-2 ta' Mejju 2011 gew notifikati l-konvenuti.

Mehud in konsiderazzjoni ta' dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li ma tistax tilqa' l-eccezzjoni ta' dezerzjoni. Hu minnu li d-dezerzjoni hi mahsuba biex tippenalizza lil dak l-attur li jonqos milli jiehu hsieb li l-procedura li ghamel timxi 'l quddiem. Min-naha l-ohra pero d-digriet bhal dak li nghata fis-7 ta' Lulju 2009 kellu jigi notifikat lill-parti iktar u iktar meta tqies li seta' jwassal ghad-dezerzjoni tal-kawza jekk il-proceduri bil-miktub ma jinghalqux. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku l-kawza kienet diga' appuntata ghas-smiegh u d-digriet inghata mill-qorti bil-miftuh. Kuntrarjament ghal dak li gara fir-rigward tad-digriet tas-7 ta' Dicembru 2007 m'hemmx prova certa li l-attrici saret taf, qabel mietet, bid-digriet tas-7 ta' Lulju 2009. Dan

minkejja li fid-digriet jinghad: *“Kopja ta’ dan id-dikriet ghandha tintbaghat minnufih lill-attrici u lill-avukat taghha.”*. Prova tan-notifika m’hemmx. Fir-rigward u l-qorti ma tistax tibbaza fuq presunzjonijiet, izda jrid ikollha l-prova fl-atti li saret in-notifika li ordnat il-qorti. Ghalhekk il-konkluzjoni hi li l-ordni tal-qorti fir-rigward tan-notifika tad-digriet, baqghet ma twettqitx. Wiehed jista’ jargumenta li parti ghandha l-oneru li kull tant zmien tivverifika mill-atti x’ordnijiet ikunu qeghdin jinghataw mill-qorti in camera b’riferenza ghall-kawza. Pero dan m’huwiex kaz fejn il-qorti tat digriet fuq rikors ta’ xi parti u fir-rigward ta’ liema hu d-dmir tal-parti li ssegwi x’digriet taghti l-qorti, izda digriet li nghata mill-qorti minn jeddha u li fih jinghad li kellu jigi notifikat lill-attrici u lid-difensur taghha.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Camilleri u Micallef & Zammit Limited u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez ta’ din l-eccezzjoni ikunu a karigu tal-imsemmija konvenuti**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------